MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 50/2001/1

Rikors Nru: 50/2001

Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

John Grima u Spiridione Grima

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijiet ipprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2001 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 31 ta' Awissu, 2001, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond Nru 42 fi Triq l-Ajkla, f'Bormla, huwa ta' elfejn, hames mija u tletin lira Maltin (Lm2,530), kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&C.E.

tas-6 ta' Lulju, 2001, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali datata 28 ta' Settembru, 2001 l-intimati fost affarijiet ohra iddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta ta' l-intimati pprezentata fit-28 ta' Settebmru, 2001 fejn esponew:

Illi bil-prezenti ittra ufficjali John Grima ta' 10, Alexander Street, Bormla u Spiridione Grima ta' Shalom, Triq Santa Katerina Attard, filwaqt li jirreferuk ghall-ittra ufficjali tieghek datata 31 ta' Awissu, 2001 fejn infurmajthom li l-kumpens tal-fond 42, Triq l-Ajkla, Bormla minnek offert huwa ta' elfejn hames mija u tletin lira (Lm2,530) u b'din iwiegbuk li l-ammont imsemmi mhux accettabbli u qed jigi rifjutat billi l-valur tal-fond huwa ferm ghola.

Ra d-digriet tieghu tal-15 ta' Marzu, 2001 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti u l-intimat Spiridione Grima ta ruhhu b'notifikat bir-rikors promotur fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2002.

Ra li mill-access mizmum mill-periti l-fond twaqqa minhabba zvilupp li sar floku u ghalhekk il-periti kif irrelataw qaghdu fuq il-periti tal-partijiet u waslu ghall-ammont ta' Lm10,000 bhala kumpens.

Ra li r-rikorrent offra bhala kumpens is-somma ta' Lm2530 u l-perit ta' l-intimati ghamel stima ta' Lm12,000.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimati jittrasferixxu b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu il-fond 42, Triq l-Ajkla, Bormla bil-kumpens ta' Lm10,000.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala nutar tar-rikorrent jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar l-Erbgha 12 ta' Lulju, 2006 fid-9:30a.m fl-ufficju tar-rikorrent; jahtar lill-avukat Dottor Melvin Mifsud biex jirrapprezenta l-kontumaci wara li jigi mgharraf mir-rikorrent b'din il-hatra;

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord, ghandhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord; ir-relazzjoni tal-periti ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------